MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1396/2001/1

**Lea Tabone f'isimha proprio u bhala kuratrici ta' bintha minuri Yanika.**

**vs**

**Jesmond Tabone.**

Il-Qorti,

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ippremettiet illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Ottubru, 1993 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla ta' hames snin li jisimha Yanika;

Illi f'dawn l-ahhar snin ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti konjugi iddeterjorat sostanzjalment u dan minhabba ragunijiet legalment validi fosthom minacci,

eccessi, theddid, inkompatibilita` ta' karattru u ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghal proceduri ta' separazzjoni personali;

Illi b'digriet tas-Sekond' Awla l-konvenut gie ordnat ihallas lil martu ghaliha u ghat-tifla Yanika s-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) bhala manteniment kif ukoll giet fdata l-kura u l-kustodja tat-tifla u giet ukoll awtorizzata sabiex tissepara;

Illi l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid l-ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taqta', tiddeciedi u tordna billi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi z-zwieg bejn il-konjugi Tabone tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid u minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli u ghax iz-zwieg tkisser irremidjabbilment liema ragunijiet huma mputabbli lill-konvenut kif fuq imfisser;

2. Illi din il-Qorti tiddikjara wkoll illi l-konvenut huwa htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-Kodici Civili u ghandha titlef a bazi tal-istess Kodici Civili l-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** kif ukoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit; kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kunsiderata li minnha tkun hatja tal-firda.

3. Illi l-konvenut ghandu b'mod definittiv jigi obbligat li jhallas manteniment lill-attrici u lill-minuri, dan mhux biss minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabbilment htija ta' l-agir tal-konvenut, izda wkoll fl-ispirtu ta' l-emendi tal-Kodici Civili;

4. Illi takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri lill-attrici;

5. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun u Kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja;

6. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsam f'zewg porzjonijiet u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut.

7. Tikkundanna sabiex jikkonsenja lill-attrici, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, l-oggetti kollha parafernali inkluz flus, u fin-nuqqas jigi kundannat ihallas l-attrici il-valur taghhom kif jigi likwidat occorrendo permezz ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-konvenut fit-30 ta' Ottubru 2001 pprezentat quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn wara li ippremetta fost l-ohrajn illi l-attrici qeghda tikkoabita ma' terza persuna, certu Alex Briffa, u li l-minuri qeghda tkun kostantement fil-prezenza ta' din il-persuna, talab illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Yanika tigi fdata f'idejh u dan minhabba r-ragunijiet premessi fl-istess rikors, u jekk ikun il-kaz tordna li jsir apprezzament da parti ta' *social worker* ghal dan il-ghan.

Rat ir-risposta ta' l-attrici, ipprezentata fit-12 ta' Frar 2002 fejn talbet illi r-rikors tat-30 ta' Ottubru 2001 ghandu jigi michud, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Frar 2002 fejn din il-Qorti, f'dak l-istadju, cahdet it-talba attrici fl-istess rikors tat-30 ta' Ottubru 2001 b'dan li kkonfermat id-digriet tas-Sekond' Awla tat-12 ta' Gunju 2001 u ziedet tipprovdi li tali kustodja u access tal-partijiet ghandhom jigu ezercitati bl-eskluzjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost, li ma humiex familjari tal-partijiet u fin-nuqqas li l-partijiet jonqsu li

jaderixxu ma’ l-istess, il-Qorti tiehu l-provvediment opportun fl-interess ta’ l-istess minuri.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta’ April 2002.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti kif presjeduta datati l-1 ta’ Ottubru 2002, fejn l-attrici giet ordnata tipprezenta l-affidavit taghha fi zmien 45 gurnata u nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa seduta wahda ghall-konkluzjoni provi attrici.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-1 ta’ Ottubru, 2002 a fol. 18 tal-process li permezz taghha eccepixxa:-

Illi t-talbiet ta’ l-attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici *stante* illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici, u dan kif ser jirrizulta wkoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi jsegwi ghalhekk illi b’referenza ghat-tieni sal-hames talba, dawn ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici *stante* illi kienet hi illi wasslet sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet jitkisser irrimedjabilment minhabba htijiet imputabbli lill-istess attrici, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 19 tal-process;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju tas-26 ta’ Novembru 2002 (fol. 23) fejn xehdet l-attrici wkoll in subizzjoni u l-konvenut in subizzjoni.

Rat l-affidavit attrici tat-8 ta’ Novembru 2002 a fol. 26 tal-process u d-dokumenti esebiti a fol. 21 u 22 tal-process; l-affidavit ta’ ommha datat 8 ta’ Novembru 2002 (fol. 52).

Rat ir-rikors ta' l-attrici ipprezentat fid-29 ta' Novembru 2002 fejn talbet illi l-hinijiet ta' l-access matul il-gimgha ghandhom jinqatghu u jizdiedu l-hinijiet tal-*weekend*.

Rat id-digriet taghha, kif diversament ippreseduta, tat-13 ta' Jannar 2003 fejn wara li rat li ma gietx ipprezentata risposta, laqghet it-talba u ordnat li minflok kif indikat, l-access ghandu jigi ezercitat biss fil-*weekend*, alternattivament mit-3.00p.m. tal-Gimgha sas-7.00p.m. is-Sibt u l-*weekend* l-iehor mis-2.00p.m. tas-Sibt sas-7.00p.m. tal-Hadd.

Illi l-Qorti tinnota illi attwalment il-konvenut kien gie notifikat bir-rikors tad-29 ta' Novembru, 2002 fis-6 ta' Jannar, 2003 u l-ghada u cjoe' s-7 ta' Jannar, 2003 ipprezenta r-risposta. Ghal xi raguni jew ohra, din ir-risposta qatt ma giet mghoddija lill-Qorti, kif diversament ippreseduta, u ghalhekk inghad illi ma gietx ipprezentata r-risposta. Din l-istess risposta dahlet lejn l-ahhar tal-process u meta kienu inghalqu l-provi tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-6 ta' Frar, 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici fil-21 ta' Awissu, 2003 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti sabiex tizdied talba ghal xoljiment tal-komunjoni. Rat illi l-konvenut ma opponiex ghal din it-talba. Rat il-verbal taghha tat-22 ta' Awissu, 2003 fejn din il-Qorti laqghet it-talba b'dan li l-attrici tifforma tali talba sew limitatament ghax-xoljiment ta' l-istess komunjoni.

Illi ukoll b'konsegwenza tar-rikorsi ta' l-attrici datati 21 ta' Awissu 2003 u ta' l-24 ta' Settembru 2003 u tad-digrieti ta' din il-Qorti datat 24 ta' Settembru 2003, din il-Qorti tordna li ssir korrezzjoni fic-citazzjoni attrici b'dan li tizdied it-talba ndikata bin-numru sitta (6) fis-sens li din tikkonsisti fil-kliem *"tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsam f'zewg porzjonijiet u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut"* u wkoll tizdied it-talba li tigi ndikata bin-numru sebgha (7) fis-sens li *"Tikkundanna sabiex jikkonsenja lill-*

*attrici, fi zmien qasir u perentorju li jigu lilha prefissi l-oggetti kollha parafernali inkluz flus, u fin-nuqqas jigi kundannat ihallas l-attrici il-valur taghhom kif jigi likwidat occorrendo permezz ta' perit nominand."*

Illi l-Qorti tordna wkoll li l-kelma *"attur"* fit-tieni talba attrici u l-kelma *"attrici"* fit-tielet talba jigu sostitiwiti rispettivament bil-kelma *"konvenut".*

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi fis-seduta tas-6 ta' Frar, 2003 dehru l-partijiet debitament assistiti u l-konvenut iddikjara illi d-dar matrimonjali hija proprjeta` parafernali tieghu. Aderixxiet ruhha ma' din id-dikjarazzjoni l-attrici.

Illi qablu wkoll il-partijiet fl-istess seduta tas-6 ta' Frar, 2003 illi l-access tal-konvenut matul il-gimgha ghandu jkun kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Hamis bejn il-5.30p.m. sas-7.30p.m. u li l-access fil-*weekend* jibqa` kif degretat, b'dan illi l-minuri tittiehed u tingieb lura mid-dar ta' l-attrici.

Illi fis-seduta tas-26 ta' Novembru, 2002 xehdet l-**attrici** u pprezentat prospett ta' affarijiet li nxtraw qabel iz-zwieg u affarijiet li nxtraw waqt iz-zwieg. F'din l-istess seduta l-attrici tghid illi Alex Briffa huwa iben l-imghallem taghha. Tghid ukoll li dan Alex Briffa kien jidhol id-dar biex jigbor il-karti tax-xoghol taghha. L-attrici tghid illi hija ma tistax tahdem ghaliex hija ma tiflahx u li tbaghti bil-*multiple sclerosis*. Tghid ukoll pero` li biex taqla` xi haga fil-gimgha hija taghmel xi *paperwork* id-dar. Dan Alex Briffa ma kienx imur ghand l-attrici f'hinijiet fit-tard ghandha, izda tghid illi kien hemm xi okkazjonijiet fejn hija kienet tkun mistiedna d-dar tieghu, fil-prezenza tal-mara tieghu u tat-tfal ghal xi *drink*.

Illi l-konvenut in subizzjoni jghid illi *"bhal issa ghandi relazzjoni ma' mara ohra. Ili maghha daqs tliet xhur. Mistoqsi jekk qed nistenna tarbija nghid le. Hija tkun ta' spiss d-dar tieghi u kienet tigi d-dar issajjarli u kienet torqod hemmhekk ukoll u kienet tkun prezenti t-tifla. Kien hemm xi nisa li kienu prezenti d-dar u gieli xi daqqiet raqdu hemm"*.

Illi fit-8 ta' Novembru, 2002 l-attrici ipprezentat l-affidavit taghha. Hija tghid illi ltaqet mal-konvenut fit-18 ta' Marzu, 1989 meta hija kien ghad kemm kellha 15-il sena. Il-konvenut kellu 20. Tghid illi l-konvenut ma hallielha liberta' ta' xejn u kien ossessjonat biha. Hija kienet tahdem mal-SGS Thompson u li wara li l-konvenut xtara *flat* f'Birkirkara hija ghamlet xi spejjez marbuta mal-*finishing* tieghu. Dawn l-ispejjez gew ikkwantifikati minnha fl-ammont ta' sitt elef u erbgha mija u disgha u tmenin Liri Maltin (Lm6,489). Dwar il-karattru tieghu l-attrici tghid illi huwa ghajjur u li kien vjolenti hafna. Il-vjolenza fil-konfront taghha kienet tkun verbali, emozzjonali u fizika. Tghid illi *"meta ma konniex naqblu fuq xi haga kien jew ikisser jew jabbuzani verbalment"*. Tghid illi l-familja tal-konvenut dejjem kienet importanti iktar minnha. L-attrici tghid illi hija hallset l-ispejjez kollha tat-tieg u tal-*honeymoon*. Wara xi zmien, l-kontendenti kellhom it-tifla taghhom Yanika. L-attrici tghid illi tlett (3) xhur wara li twieldet Yanika, hargitilha l-*Multiple Sclerosis* u li l-konvenut kompla jitbieghed minnha. Tghid illi l-konvenut aktar ma beda` jghaddi z-zmien aktar ma bdiet issibu ghal xejn kemm fejn jidhol appogg prattiku kif ukoll ghal *support* psikologiku u emozzjonali. L-attrici tghid illi l-istat ta' hajja illi kienet qeghda tghix fih *"jiena ma bqajtx nemmen fija innifsi, tkissirt internament u anke spiccajt b'depressjoni kronika. Ovvjament ma stajtx nghix aktar f'din is-sitwazzjoni u kelli nitlaq minn din il-hajja ghall-gid tat-tifla u tieghi."*

Illi xehdet ukoll bil-procedura ta' l-affidavit **Agnes O'Neil**, omm l-attrici li tghid illi *"Jesmond [il-konvenut] huwa bniedem pussessiv, ghajjur u kien jaghmlilha hafna dwejjaq. Kienet tigi d-dar tieghi peress li konna noqghodu vicin u taqsam il-problemi taghha mieghi".* Tghid ukoll illi Jesmond, flimkien ma' familtu kienu jmorru darba l-Hadd

ghandha u kull ma kien jaghmel kien *"jiekol, ipejjep sigarett u ma jaghmel xejn hlief jara t-television"*. Tghid illi hija kienet tghidlu sabiex johrog mal-familja izda r-risposta tieghu kienet tkun illi *"biex johrog irid jonfoq il-flus".*

Illi fl-affidavit tieghu l-**konvenut** jghid li ftit wara li huma bdew johorgu flimkien, l-attrici dahhlitu d-dar ghandha sabiex tlaqqghu ma' ommha. Wara sena jghid illi kellu jixtri post peress illi l-attrici kienet qeghda theddu li titilqu jekk ma jaghmilx hekk. Wara li tlesta l-*flat* minn kollox, il-kontendenti f'din il-kawza zzewgu fid-9 ta' Ottubru 1993. Il-konvenut jghid illi huwa kien beza' illi ma kienx ser ilahhaq ghall-ispejjez tat-tieg izda *"bl-ghajnuna t'Alla, l-familja tieghi kienu tawni flus bhala rigal u l-genituri tieghi ma naqsux mill-ghajnuna taghhom".* Fl-1 ta' Dicembru 1995 twieldet it-tifla taghhom Yanika. Ftit taz-zmien wara, l-attrici zviluppat il-marda ta' l-*Multiple Sclerosis*. L-attrici giet imwissija li kien ser jkun ta' periklu ghaliha li terga` tohrog tqila u ghalkemm inghatat din it-twissija, hija xorta riedet li terga` tohrog tqila. Jghid illi huwa ma xtaqx li martu tohrog tqila minhabba l-periklu ghal sahhitha u minhabba f'hekk inholqot tensjoni fid-dar. Jghid illi *"Minhabba dan l-agir taghha Lea [l-attrici] intlit bin-nervi u qabdita depression. Tant kellha depression qawwija li kienet taqbad issabbat l-affarijiet u xi drabi issawwat lil Yanika bla hniena specjalment meta jien kont inkun barra fuq ix-xoghol"*.

Illi fis-sajf tas-sena 1999 mar joqghod, ghal ftit zmien, fid-dar matrimonjali tal-kontendenti certu Lee li jigi n-neputi ta' l-attrici. Darba fost l-ohrajn, waqt li dan Lee kien qieghed fid-dar matrimonjali tal-kontendenti, l-konvenut qabad lil martu u lil neputiha flimkien. Il-kliem testwali tal-konvenut huma "*Haga li ma titwemminx hsibt li qed nara blu film bid-differenza li l-atturi kienu marti u n-neputi taghha u li kieku ma nhassdux kont nara aktar minn dan ix-show".* Kien rega` sab lil martu titbewwes man-neputi taghha ghall-habta ta' Settembru, 1999.

Illi jghid illi kien hemm okkazjoni ukoll fejn l-attrici kienet hadet hafna pilloli tal-kalmanti f'daqqa u minhabba f'hekk ghamlet gimgha l-Isptar ghall-kura. Kien hemm okkazzjoni

ohra fejn l-attrici iddahhlet l-Isptar u dan peress li kienet qatghet il-polz. Waqt li kienet l-Isptar hija *"belghet partita pilloli".* Ikompli jghid il-konvenut *"it-tabib tal-ward qalli li jekk Lea ser tkompli tagixxi b'dan il-mod ma kellhux triq ohra hlief li jibghata l-Isptar Monte Carmeli".*

Illi kien hemm ukoll l-okkazjoni tat-tieg ta' oht il-konvenut, fejn l-attrici ghamlet xenata u minhabba f'hekk il-konvenut u t-tifla taghhom kellhom jitilqu mis-sala ta' fejn kien hemm ir-riceviment tat-tieg.

Illi wara dan l-ahhar incident rega` sar tentattiv ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet izda l-affarijiet bejniethom regghu marru ghall-aghar. Il-konvenut jghid illi l-attrici qabdet tahdem u bidlet diversi impjiegi sakemm fl-ahhar impjegat ruhha mal-hanut bl-isem ta' 'Spy Collection' bhala *salesgirl*. Il-konvenut jallega li l-attrici meta telqet mid-dar bit-tifla b'kollox hija marret ghand Alex Briffa, il-proprjetarju tal-hanut bl-isem ta' 'Spy Collection'.

Illi xehed bil-procedura ta' l-affidavit **Joseph Tabone**, hu l-konvenut. Dan ix-xhud jikkonferma illi kien inqala` xi dizgwid bejn il-kontendenti waqt it-tieg ta' ohtu. Jghid ukoll illi *"jiena kont rajt lil Lea ma' ragel iehor li wara sirt naf li huwa Alex Briffa li dan huwa suppost il-boss taghha u cjoe` ghaliex hija tahdem mieghu. Dan rajtu fil-karozza taghha li hija Volks Polo abjad DBH-527 u rajtu fejn id-dar ta' ommha u cjoe` Psaila Street, B'Kara. Infatti indunajt li faccata tal-karozza kien hemm il-karozza tieghu. Dak in-nhar mhux talli kont cert min dan kollu talli kelli lil hija mieghi".* Ikompli jghid dan ix-xhud illi *"Kemm-il darba rajt il-vettura ta' dan Alex fejn id-dar taghha u cjoe`, Triq il-Hgejjeg, Bugibba u dan kont innutajtu wkoll johrog filghodu kmieni. Rajt lil Alex johrog mill-flat taghha kmieni filghodu".*

Illi xehdet bil-procedura ta' l-affidavit **Jessica Tabone**, neputija tal-konvenut li qalet illi *"…darba rajt lil Alex u lilha Lea, f'Bugibba flimkien u din kienet fil-festa ta' Santa Venera u ghalhekk qeghda niftkarha l-gurnata. Jien peress li minn Santa Venera niftakar il-gurnata meta rajthom flimkien, ghalkemm illum jiena noqghod il-Mosta.*

*Kif raw lili inhazdu u ma baqux izommu jdejn xulxin ghax ftit qabel ma rawni, kienu qeghdin izommu jdejn xulxin".* Tkompli tghid illi *"ricenti u ma tantx ilu kont Marsaxlokk u dan madwar xahrejn ilu mal-boyfriend tieghi Manwel, u meta rajthom u cioe lil Lea u lil Alex, hi telqet f'direzzjoni u hu smajtu jghidilha "ghalfejn tlaqt 'l hemm, ejja 'l hawn." Hi ma marritx hdejh sakemm ahna u cjoe` jien u l-boyfriend tieghi konna flimkien hemmhekk".*

Illi xehdet bil-procedura ta' l-affidavit **Jacqeline Tabone**, li tigi mart Joseph, hu l-konvenut. Hija tghid illi "jiena lilha bqajt naraha fit-triq fil-karozza ma' certu wiehed li wara sirt naf li jismu Alex u li dan kien il-persuna li jimpjegaha. Dan rajtu maghha f'diversi okkazjonijiet inkluz il-Hadd fil-ghaxija f'Bugibba u Marsaxlokk f'okkazjonijiet ohra fil-monti tal-Hadd".

**ii)** **<u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi bhala ragunijiet ghall-obbjettiv taghha li titlob il-firda personali, l-attrici tadduci fil-konfront tal-konvenut zewgha l-minacci, eccessi, theddid, inkompatibilita` ta' karattru u ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghal proceduri ta' separazzjoni personali.

Illi min-naha tieghu, l-konvenut jattribwixxi htija fl-attrici ghat-tkissir taz-zwieg.

Il-Qorti tinnota b'dispjacir il-mod konfuz kif gew redatti t-talbiet fic-citazzjoni attrici. Di fatti l-attrici stess fit-tielet talba taghha tghid *"l-konvenut ghandu b'mod definitiv jigi obbligat li jhallas manteniment lill-attrici u lill-minuri dana mhux biss minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabbilment <u>htija tal-agir ta' l-attrici</u> (sic!) izda wkoll fl-ispirtu ta' l-amendi tal-Kodici Civili".* Illi dwar dan il-Qorti ordnat il-korrezzjoni necessarja *stante* li jidher li dan huwa zball tat-*typing.* Anke l-hames talba ma taghmilx sens. L-attrici fil-hames talba taghha tghid *"tinnomina Nutar biex jippublika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja".* Il-Qorti ma hijiex lesta li tipprova tifhem il-logika ta' talbiet li ma jaghmlux sens.

In linea generali din il-Qorti tibda biex tghid illi kif inhu pacifiku "*perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*" – (Ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-12 ta' Mejju, 1925 fl-ismijiet **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"**). Hekk ukoll jinghad fis-sentenzi ripportati fil-volum **Vol. XLVI P II p 638** meta jinghad illi *"hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni"* (**Vol. XLVI P II p 638**), "*purche sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugali*" (**Vol. XXVI P II p 110**);

Illi ghalkemm il-kawza ilha pendenti sentejn hadd mill-kontendenti ma dehrlu li kellu jaghmel xi kontro-ezami ghall-affidavits prodotti mill-istess kontendenti rispettivament u fid-dawl ta' dak kollu provdut, din il-Qorti thoss li ghandha tezamina l-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet fis-sens li tara liema mill-verzjonijiet moghtija hija dik li hija verosimilu dan peress li kif gie ritenut diversi drabi l-verosimiljanza hija wkoll forma ta' korroborazzjoni.

Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll li l-parti li tallega ghandha wkoll l-obbligu w l-oneru tal-prova, u l-prova trid tkun tali li tikkonvinci lill-Qorti moralment li l-allegazzjoni hekk vantata tirrizulta mill-atti tal-kawza.

Illi taht dan l-aspett u wara li ezaminat ix-xhieda tal-partijiet fid-dettal din il-Qorti thoss li l-attrici rnexxielha tipprova li l-istess konvenut kien hati fil-konfront taghha ta' vjolenza kemm fizika u kemm morali. Fil-fatt jinghad li ghalkemm l-konvenut ma semma' xejn dwar dan, anzi fl-affidavit tieghu sa certu punt cahad dan, il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija mill-attrici f'dan ir-rigward hija wahda konvincenti u skjetta u ghalhekk taht dan aspett, din il-Qorti thoss li ghandha taccetta x-xhieda ta' l-attrici fir-rigward ta' vjolenza allegata fil-konfront tal-konvenut liema vjolenza giet deskritta mill-attrici bhala *"verbali,*

*emozzjonali u fizika”*. Illi fil-fatt l-attrici tat diversi ezempji ta’ dan u l-Qorti tirreri direttament ghax-xhieda ta’ l-istess attrici. Illi apparti dan il-konvenut *ex admissis,* fis-seduta tas-26 ta’ Novembru, 2002 jghid illi *“bhal issa ghandi relazzjoni ma’ mara ohra”* u ghalhekk li llum ma hemm l-ebda dubju li z-zwieg tkisser irremedjabilment.

Illi tenut kont tal-premess din il-Qorti thoss li ghalhekk l-attrici ppruvat sostanzjalment l-allegzzjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut u senjatament li l-konvenut kien hati lejha ta’ eccessi, minacci, u theddid u b’hekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li dak premess mill-attrici gie effettivament ippruvat, inkluz sevizzi prattikati mill-konvenut. Ikun hemm sevizzi meta dawn ikun "*abituali o almeno ripetute da rendere insopportabile la convivenza*" (**Vol. IX pag. 274**) u jkun hemm sevizzi meta l-agir *"joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom"* ("**Vol. XXXI P I p 200; Vol. XXVI P I p 246**);

Illi dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici irrizulta u dan minn erba’ xhieda okulari, illi l-attrici kienet qeghda tkun fil-kumpanija ta’ certu Alex Briffa u dan anke hinijiet tard bil-lejl, u l-Hdud. *Oltre* dan l-istess konvenut jghid illi huwa ra lil martu f’mumenti ta’ intimata man-neputi taghha stess. Din l-ahhar allegazzjoni din il-Qorti ma thossx li giet sodisfacentement ippruvata ghalkemm ma jidhirx li l-attrici ghamlet kontro-ezami dwar l-istess. Illi pero’ ghalkemm fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, l-adulterju ta’ l-attrici ma giex ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-ligi, pero’ xorta wahda hemm ragunijiet bizzejjed sabiex din il-Qorti tikkonkludi li f’dan il-kaz jezistu l-estremi ta’ ngurja gravi da parti ta’ l-attrici fil-konfront tal-konvenut.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti jirrizulta illi z-zewg kontendenti ghandhom ghax jahtu ghat-tkissir taz-zwieg taghhom u b’dan pero’ li l-konvenut u l-agir tieghu kien dak li primarjament kien responsabbli ghat-tkissir ta’ dan iz-zwieg u wkoll ma hemm l-ebda dubju li l-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli *stante* li rrizulta li l-kontendenti ilhom ghal numru

ta’ snin jghixu ‘l boghod minn xulxin. Il-konvenut fl-affidavit tieghu jghid illi l-attrici ilha li telqet mid-dar matrimonjali mis-17 ta’ April 2001 u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Yanika Tabone jinghad illi *“l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika (li titkellem fuq l-edukazzjoni, terminu li ontologikament jimporta l-kura u l-amministrazzjoni tas-sustanzi taghhom (ara De Rohan Lib. III, Capo II, paragrafo XXIV), sew fil-ligi vigenti (ara argument mehud mill-art. 68 Kap. 23), kif ukoll fil-gurisprudenza estera (Annali della Giurisprudenza Italiana, Volume VII, P. II, p.39, Appell Lucca 4 ta’ Settembru 1872 in re Buoni utrinque), u f’dik lokali (ara Prim’ Awla Civili 8 ta’ Dicembru 1858, “Lawless utrinque”, Vol. I pag. 180, kolonna sekonda (2da.) med.; Appell 26 ta’ April 1867, “Camenzuli vs. Gatt”, Volume IV, pagina 74, kolonna prima in fine; Prim’ Awla Civili 28 ta’ Jannar 1956 in re “John Cutajar vs Amelia mart l-istess John Cutajar”; u hafna ohrajn), hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita’ u l-akbar vantagg ghall-interess ta’ l-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu; Illi, in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment”.* (Ara **“Giuseppe Scicluna vs Maria Scicluna pro et noe”** deciza mill-Prim’ Awla fil-31 ta’ Mejju, 1958).

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless”** din il-Qorti kienet qalet fit-8 ta’ Dicembru, 1858 illi ***“****la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera’ piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta’, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli”.*

Illi nghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"John Cutajar vs Amelia Cutajar et."** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar, 1956 illi "*apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'din il-kawza, huwa dak ta' l-aktar utilita' u dak ta' l-aqwa vantagg u nteress ta' l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut"* u *"Fil-kamp li fuqu qeghdin nitkellmu, ghalkemm il-parti umanitarja ghandha certament l-importanza taghha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-hajja lill-istess minuri, eppure l-istess ma ghandhiex tipprevali fuq l-interess u vantagg dirett tal-istess tfal; bhal ma ghandhiex ikollha fil-hajja ta' kuljum - kif l-esperjenza tghallem - prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anki jekk dettat minn natura, fuq id-dover impost mir-raguni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bhala membru tal-familja, kemm bhala membru tal-komunita` li lilha jkun jappartjeni. Meta l-ghajn tar-raguni, f'xelta ta' l-azzjoni li bniedem jkun irid ta' bilfors jaghzel li jaghmel, turi dover, impellenti versu certa linea ta' kondotta, ghalkemm dik l-ghazla tkun timporta azzjoni drastika fil-kamp umanitarju, eppure dik il-hruxija ma tkunx hlief apparentement tali; in kwantokke li bilanci tal-mohh id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibaxxieh, ikun ghaleb kwalunkwe konsiderazzjoni ohra li di fronti ghalieh (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituza".*

Illi din il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tara illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri Yanika Tabone tkun f'idejn l-attrici, b'dan li kif qablu l-partijiet permezz ta' verbal datat 6 ta' Frar, 2003 il-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Hamis bejn il-5.30p.m. u s-7.30p.m. u l-access fil-*weekend* jibqa` kif degretat fit-13 ta' Jannar 2003 u cjoe' darba il-Gimgha mit-3.00.p.m. sas-7.00.p.m. tas-Sibt, u darba mis-2.00.p.m. tas-Sibt sas-7.00.p.m. tal-Hadd. Il-minuri ghandha tittiehed u tingieb lura mid-dar ta' l-attrici mill-konvenut.

Illi ghalhekk l-access li l-konvenut ghandu ghall-minuri huwa s-segwenti:-

Nhar ta' Tnejn bejn il-5.30p.m. u s-7.30p.m.
Nhar ta' Hamis bejn il-5.30p.m. u s-7.30p.m.
Fil-*weekend*, alternattivament mit-3.00p.m. tal-Gimgha sas-7.00p.m. is-Sibt u l-weekend l-iehor mis-2.00p.m. tas-Sibt sas-7.00p.m. tal-Hadd.

Illli tali kura u kustodja u access ghandu jigi pratikat mill-partijiet rispettivi bl-ezkluzjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja tal-partijiet rispettivi b'dan li l-istess minuri ma ghandhiex tkun fil-prezenza ta' l-ebda persuna ma' min xi parti jew ohra ghandha jew jista' jkollha xi relazzjoni intima.

Il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tezamina l-kwistjoni tal-manteniment.

Illi din il-Qorti kif ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri"** deciza fit-28 ta' Novembru, 2002 qalet illi:-

*"l-obbligi ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-* ***artikolu 3 tal-Kap 16*** *li jipprovdi li :-*

*"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."*

Illi skond l-**artikolu 3B tal-Kap 16** hemm stipulat illi:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*."

Illi skond **l-artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16** jinghad li:-

"*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodiċi*."

Illi għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi *verso* l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-miżżewġin huma f'pożizzjoni ta' ugwaljanza u għandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond **l-artikolu 2 tal-Kap 16** "*jerfgħu r-responsabilitajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom*."

Illi ċertament li l-obbligi mniżżla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet bħal dak odjern ta' *pendente lite,* pero' l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-**artikolu 20** ta' l-istess Kap, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill-ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqgħu veljanti u skjetti l-prinċipji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri *verso* l-istess ulied, speċjalment għall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-**artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16**, li għalhekk jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom u skond il-bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi, kkalkulati *ai termini* tas-**sub-artikoli** ta' l-istess **artikolu 20**. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-liġi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni li għamlet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fil-kawża fl-ismijiet **"Marthese Vella pro et noe vs George Vella"** deċiża fit-28 ta' Frar, 2003 fejn ingħad illi *"l-fatt li l-mara ma taħdimx ma jfissirx li din ma għandhiex il-potenzjal li taħdem u tiġġenera introjtu"*. Ingħad ukoll f'din l-istess sentenza illi *"t-tibdil leġislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz*

*tal-mara gab mieghu wkoll responsabilitajiet fuq il-mara mizzewga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabilita` ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja".* (Ara decizjoni fl-ismijiet **"Doris Tabone vs Carmelo Tabone"**, Appell, 15 ta' Dicembru 1997.

Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, pero' jista` jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista` jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri. Illi ghalhekk jekk tezisti raguni sufficcjenti bhal din hawn appena imsemmija, jista` jkun illi parti fiz-zwieg ikollha thallas il-manteniment lill-parti l-ohra ghal tul ta' zmien.

Illi ghar-rigward ta' l-obbligu tal-manteniment, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Licari vs Caroline Licari pro et noe"** deciza fis-6 ta' April, 1992 qalet illi *"l-obbligu ta' l-attur li jmantni lil uliedu jigi qabel l-obbligu tal-konvenuta".* Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, dwar dan l-obbligu ta' manteniment lil minuri qalet *"Illi dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut"* (Ara **"Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja"** - Cit. Nru 154/94).

Illi l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fid-digriet moghti minnha fit-12 ta' Gunju 2001 ordnat lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' tletin lira Maltin (Lm30) manteniment fix-xahar ghall-attrici u sebghin lira Maltin (Lm70) manteniment fix-xahar ghat-tifla l-minuri.

Illi dwar il-kwistjoni tal-manteniment jinghad pero` illi quddiem din il-Qorti ma ingiebet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-partijiet u l-unici provi li jezistu fil-process jaghtu x'jifhem lill-Qorti li z-zewg partijiet it-tnejn ghandhom illum xi forma ta' ntrojtu ghalkemm jidher li dak tal-konvenut huwa fiss.

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti thoss li l-manteniment attwali degretat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ghandu jibqa' applikabbli b'dan li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-alimenti ta' tletin lira Maltija (Lm30) fix-xahar ghaliha, u s-somma ulterjuri ta' sebghin lira Maltin (Lm70) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, liema ammont ghandu jizdied skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja kull tliet snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza, l-istess manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jibghat direttament mill-*employer* lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika dan id-digriet lill-istess *employer* tal-konvenut, tali notifika a spejjez taghha.

Illi fil-kuntest tat-tieni talba attrici ghandhom jigu komminati kontra l-konvenut id-disposizzjoni kollha ta' l-**artikolu 52 u 48 tal-Kap 16,** mentri fil-konfront ta' l-attrici ghandhom jigu komminati d-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (a).**

Illi l-kontendenti permezz tal-verbal tas-6 ta' Frar 2003 qablu li d-dar matrimonjali hija proprjeta` parafernali tar-ragel u din ghandha tibqa' proprjeta`tal-istess l-konvenut, b'dan pero' li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef, mija u sitt liri Maltin (Lm3,106) ghal darba wahda biss, rapprezentanti spejjez li l-attrici nkorriet fl-istess fond qabel iz-zwieg u dan konsistenti fl-oggetti u xoghlijiet elenkati f'Dok. “X” a fol. 21 tal-process konsistenti f'*kitchen tiles, floor tiles, floor polish*, tqieghed ta' madum, bieb ta' barra, *aluminium works*, kcina (li ser tibqa' fl-istess fond) u bibien interni.

Illi apparti dan, il-konvenut ghandu jikkonsenja lill-attrici bhala beni parafernali taghha l-oggetti kollha ndikati fl-istess lista u cjoe' *magimix, microwave*, il-borom u s-settijiet ta' l-ikel hemm indikati, salott, *main bedroom* u *study room* u dan ghandu jsir fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti din il-Qorti tiddikjara x-xoljiment taghha b'effett mid-data ta' din is-sentenza u abbazi tal-listi pprezanti mill-partijiet, u fin-nuqqas tal-

partijiet li jipprovdu pjan ta' qasma din il-Qorti sejra tghaddi ghad-divizjoni ta' l-istess *'arbitro boni viri".*

Illi l-attrici ghandha tigi assenjata bhala sehma mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet l-karozza Lada, *sitting room*, *wall unit* u mejda, *freezer, automatic washing machine, twin tub washing machine, television* mill-kbar, television zghir, *video recorder, playstation, big ceramic fountain, big ceramic chinese statue*, nofs il-*kitchen appliances, full encyclopedia, computer, spare bedroom complete, satellite, video camera, electric heater, hoover, CD player*, id-deheb, *wallclock, electric blanket*, u *frames*, b'dan li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) ghal darba wahda biss.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed jigi assenjat bhala sehemu mill-komunjoni ta' l-akkwisti l-karozza Fiesta, 3 *ceiling fans*, 3 linef, 2 *air conditioners*, *Hi-Fi System with Dolby surround*, kcina tal-kewba*, television* kbir (l-iktar antik mit-tnejn), *video recorder, vertical blinds, netting rolling blinds*, nofs il-*kitchen appliances*, *rails* u *curtains*, burduri ta' l-art u saqaf, ghodda, *cordless phone*, *mobile* u *intercom*, *aluminium* tat-tarag, faccata u parapett tal-fil, u *shower* u wkoll kull dejn li jista' jkun hemm fuq l-istess oggetti hawn lilu assenjati.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi qeghda **taqta' u tiddeciedi** din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompattibbli ma' dak hawn deciz, **tichad il-hames talba attrici u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** u dan biss fis-sens hawn premess, u dan billi:-

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti principalment minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'minacci, eccessi, mohqrija u sevizzi, li kawza ta' l-istess iz-zwieg tkisser irremedjabbilment, u *in linea* sussidjarja minhabba l-agir ta' l-attrici konsistenti f'ingurji

gravi fil-konfront ta’ l-istess konvenut, b’dan li z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu ghar-ragunijiet fuq indikati u ghalhekk ghandu jitlef a bazi ta’ l-istess Kodici Civili, l-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** kif li ukoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit u in generali li din il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjoni ta’ l-**artikoli 52 u 48 tal-Kap 16;** illi l-Qorti fil-konfront ta’ l-attrici qed tapplika d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 (1) (a) tal-Kap 16.**

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta’ mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar bhala manteniment ghall-istess attrici u l-minuri, b’dan li mill-istess ammont globali fuq iffissat l-ammont ta’ tletin lira Maltija (Lm30) qed jigi ffisat bhala manteniment ghall-attrici, u s-somma ta’ sebghin lira Maltija (Lm70) qed jigi ffissat bhala manteniment tal-minuri, liema ammonti ghandhom jizdiedu skond l-indici ta’ l-gholi tal-hajja, f’kull perjodu ta’ tliet (3) snin, b’effett mid-data ta’ din is-sentenza w tordna wkoll li l-istess manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament mill-*employer* lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika dan id-digriet lill-istess *employer* tal-konvenut, tali notifika a spejjez taghha.

Tilqa’ r-raba’ talba u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Yanika Tabone lill-attrici b'dan illi qed taghti dritt ta’ access lill-konvenut ghall-imsemmija minuri skond is-segwenti:-

a) Nhar ta’ Tnejn bejn il-5.30p.m. u s-7.30p.m.
b) Nhar ta’ Hamis bejn il-5.30p.m. u s-7.30p.m.
c) Fil-*weekend*, alternattivament mit-3.00p.m. tal-Gimgha sas-7.00p.m. is-Sibt u l-weekend l-iehor mis-2.00p.m. tas-Sibt sas-7.00p.m. tal-Hadd.

Tichad din it-talba *stante* li ma taghmilx sens kif miktuba u ma tapplikax ghall-kaz odjern.

Tilqa` s-sitt talba u tiddjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

Illi fl-istess waqt tipprovdi ghad-divizjoni u assenjazzjoni ta’ l-istess b’dan ghalhekk li mill-istess komunjoni ta’ l-akkwisti l-attrici qed tigi assenjata bhala sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet l-karozza Lada, *sitting room, wall unit* u *mejda, freezer, automatic washing macine, twin tub washing machine, television* mill-kbar, *television* zghir, *video recorder, playstation, big ceramic fountain, big ceramic chinese statue*, nofs il-*kitchen appliances*, *full encyclopedia, computer, spare bedroom complete, satellite, video camera, electric heater, hoover, CD player*, id-deheb, *wallclock, electric blanket*, u *frames*, u b’dan li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici is-somma ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) ghal darba wahda biss.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed jigi assenjat bhala sehemu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, il-karozza Fiesta, 3 *ceiling fans*, 3 linef, 2 *air conditioners*, *Hi-Fi System with Dolby surround*, kcina tal-kewba, *television* kbir (l-iktar antik mit-tnejn), *video recorder, vertical blinds, netting rolling blinds*, nofs il-*kitchen appliances, rails* u *curtains*, burduri ta’ l-art u saqaf, ghodda, *cordless phone, mobile* u *intercom, aluminium* tat-tarag, faccata u parapett tal-fil, u *shower* u wkoll kull dejn li jista’ jkun hemm fuq l-istess oggetti hawn lilu assenjati.

Illi l-kontendenti permezz tal-verbal tas-6 ta’ Frar 2003 qablu li d-dar matrimonjali hija proprjeta` parafernali tar-ragel u ghalhekk din ghandha tibqa’ proprjeta’ esklussiva ta’ l-istess l-konvenut, b’dan pero’ li l-istess konvenut qed jigi kkundannat sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elef, mija u sitt liri Maltin (Lm3,106) ghal darba wahda biss rapprezentanti spejjez li l-attrici nkorriet fl-istess fond qabel iz-zwieg u dan konsistenti fl-oggetti u xogholijiet elenkati f’Dok. “X” a fol. 21 tal-process konsistenti *f’kitchen tiles, floor tiles, floor polish*, tqieghed ta’ madum, bieb ta’ barra, *aluminium works*, kcina (li ser tibqa’ fl-istess fond) u bibien interni li kollha baqghu fil-post ta’ l-istess konvenut.

7. Illi dwar is-sebgha (7) talba, din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici bhala beni parafernali taghha, l-oggetti l-ohra kollha ndikati fl-istess lista u cjoe' *magimix*, *microwave*, il-borom u s-settijiet ta' l-ikel hemm indikati, salott, *main bedroom* u *study room* u dan ghandu jsir fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza. Fin-nuqqas, tordna lill-konvenut sabiex ihallas il-valur ta' l-istess oggetti, li ma jigux ikkonsenjati lill-attrici fit-terminu prefiss, tali valur stabbilit, skond il-lista esebita mill-attrici fil-atti processwali.

Bl-ispejjez jithallsu kwantu ghal kwart (1/4) mill-attrici u kwantu ghal tlieta minn erbgha (3/4) parti mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------